MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru 21/2005

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Wayne Delia, iben Martin,
imwieled Pieta' fil-21
ta' novembru, 1985

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fid-9 ta' diċembru, 2004, f'San Pawl il-Baħar, għal ħabta tas-1.30 p.m. –

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Isam Ibdolla Itiya f'perikolu ċar, iżda bil-ħsieb li jikkaġunalu ħsara fil-ġisem u\jew fis-saħħa u\jew iġiblu disordni fil-moħħ wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-

esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' marzu, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 214, 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lil Isam Ibdolla Itiya għal żmien sena taħt penali ta' mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------